# ĦJIEL DWAR IL-BENEFATTUR ĠUŻE` ZERAFA



Is-Sur Ġuże` Zerafa

**IL-BNIEDEM LI TA L-ART TAL-KNISJA PARROKKJALI SAN ĠUŻEPP ĦADDIEM .....U TAGĦRIF IEĦOR FIL-QOSOR DWAR IL-PARROĊĊA**

**miġbura minn George J. Vella**

Minn kemm ilha tiffunzjoni l-parroċċa ta' San Ġużepp Ħaddiem, inkiteb ħafna dwar il-kappillani li mexxew din il-parroċċa u l-istatwi li jsebbħu din il-knisja, u bir-raġun kollu. Imma ftit u xejn issemmiet kif ingħatat jew aħjar kif ġiet akkwistata l-art li fuqha l-knisja parrokkjali hija mibnija.

Il-bniedem li din il-parroċċa hija tant grata lejh, huwa bla dubju s-Sur Ġuże` Zerafa, li kien xtara l-art fejn tinsab mibnija l-knisja parrokkjali ta' San Ġużepp Ħaddiem.

Kien għalhekk bix-xieraq li f'għeluq il-25 sena li l-knisja ta' San Ġużepp Ħaddiem saret parroċċa, nagħtu ħjiel dwar dan il-benefattur kbir, li żgur jibqa' jgħix fl-istorja ta' din il-parroċċa. Ġuże` Zerafa twieled fil-21 ta' Awissu, 1900, ġewwa Ħal Qormi, fost ħamest aħwa, tliet subien u żewġ bniet. Huwa kien it-tielet wild fost is-subien.

Missieru kien jismu Massimo li kien ukoll minn Ħal Qormi u kien jaqla' l-għajxien tiegħu billi jbiegħ l-għalf għall-bhejjem. Il-familja Zerafa dejjem kienu jsibuha bħala "tal-galletti".

Fl-1919 Ġuże` żżewweġ lil Concetta nee` Cilia u kellhom erba' wlied, tliet subien u tifla. Dawn ukoll kienu joqogħdu Ħal Qormi u kellhom fabbrika żgħira ta' l-għaġin. Fl-1939 xtara fabbrika ta' l-għaġin ġewwa Ħal Balzan u dik ta' Ħal Qormi taha lill-ibnu l-kbir George.

Matul il-ġranet tat-tieni gwerra dinjija, sal-1946, Ġuże` għex mal-familja tiegħu ġewwa Ħal Balzan ħdejn il-fabbrika ta' l-għaġin stess, waqt li kien ukoll inkarigat minn diversi *victory kitchens* fl-inħawi ta' madwar Ħal Balzan u Birkirkara.

Fl-1946 xtara mitħna tad-dqiq ġewwa l-Marsa waqt li ftit taż-żmien wara mar joqgħod fi Triq Brared ġewwa Birkirkara. din il-mitħna, jew aħjar fabbrika, tad-dqiq, għadha f'idejn il-familja tiegħu sal-lum.

Fil-bidu tas-snin sittin xtara il-Villa Sunset fi Triq Birbal, Ħal Balzan, ftit bogħod mill-Ġonna ta' San Anton.Il-mara tiegħu, Concetta, mietet fit-22 ta' Marzu, 1968.

Għall-ħabta ta' l-1962/63 is-Sur Ġuże` xtara l-art u taha lill-knisja bil-kundizzjoni li fuqha tinbena knisja u tiġi ddedikata lil San Ġużepp Ħaddiem. Ġuże` ta kull għajnuna fl-ippjanar tal-knisja u kien jieħu interess kbir waqt li kienet qiegħda tinbena.

L-ewwel ġebla ta' din il-knisja parrokkjali tqegħdet fil-11 ta' Settembru, 1965, waqt ċerimonja mmexxija mill-E.T. Monsinjur Mikiel Gonzi. Il-pjanta saret mill-periti tad-Ditta Mortimer & Degiorgio, waqt li l-imgħallem tal-bini kien Abraham Schembri.

L-ewwel quddiesa f'din il-knisja ġiet iċċelebrata nhar l-1 ta' Mejju, 1967.

Fid-29 ta' April, 1968, l-Arċisqof Mikiel Gonzi bierek il-knisja. Fil-15 ta' Ġunju, 1969, l-Arċisqof Gonzi waqqaf il-knisja bħala viċi-parroċċa bis-setgħat u dmirijiet kollha ta' parroċċa.

Dun Karm Aquilina kien nominat Vigarju-kurat, fil-waqt li l-viċi-parroċċa ngħatat il-limiti territorjali tagħha.

Il-knisja ta' San Ġużepp Ħaddiem twaqqfet parroċċa b'digriet tad-19 ta' Marzu, 1973, bil-ħatra ta' Dun Karm Aquilina, bħala l-ewwel Kappillan, li ħa l-pussess tal-parroċċa ġdida fis-26 ta' Mejju, 1975.

Il-benefattur tal-knisja, Ġuże` Zerafa, miet fit-22 ta' Marzu, 1978, għaxar snin eżatti bil-ġurnata li mietet martu Concetta u jinsab midfun fiċ-ċimiterju ta' Marija Addolorata.

Tkun ħaġa xierqa li f'għeluq il-25 sena ta' kemm ilha parroċċa, nieħdu din l-okkażjoni biex infakkru dati storiċi matul dawn is-snin, minbarra dawk li semmejna aktar 'l fuq.

<u>1971:</u> 27 ta' Ġunju, l-ewwel festa titulari ta' San Ġużepp Ħaddiem. Konna għadna viċi-parroċċa. Għall-purċissjoni kienet inġabet l-istatwa ta' San Ġużepp mill-parroċċa ta' San Ġwann.

<u>1972:</u> 6 ta' Ġunju, Tbierku l-istatwi ta' San Ġużepp Ħaddiem u l-Madonna, maħdumin fuq disinn tal-Kav. Emvin Cremona mill-iskultur Vincenzo Moroder, f'Bolzano.

<u>1974:</u> Statwa tal-Papa Pawlu VI li fi żmien il-pontifikat tiegħu l-knisja saret parroċċa. Ix-xogħol ta' l-istatwa sar mill-istatwarju Għawdxi, il-Kav. Wistin Camilleri, PEP.

Bankun u bradella għall-istatwa ta' San Ġużepp Ħaddiem, xogħol u disinn ta' l-imgħallem Ġużeppi Gauci u ibnu.

Erba' fjuretti u vażuni għall-istatwa ta' San Ġużepp Ħaddiem. Il-fjuretti, rigal minn Rafel Zammit u l-vażuni, rigal ta' Ġużeppi Gauci.

Introduzzjoni ta' tqassim tar-rigali tal-Milied fid-djar permezz tal-Father Christmas fuq karru dekorat.

<u>1976:</u> 18 ta' Marzu. Tqegħdet l-ewwel ġebla taċ-Ċentru Parrokkjali.

<u>1979:</u> Wara Awissu. Dun Ġużepp Mifsud Bonnici aġixxa bħala vigarju-kurat.

<u>1980:</u> 3 ta' Frar, Dun Salvin Micallef jingħata l-pussess bħala t-tieni kappillan.

<u>1982:</u> Beda jsir il-marċ ta' fil-għdou nhar il-festa.

<u>1983:</u> 4 ta' April. Waslu l-anġli tal-pedestal ta' l-istatwa San Ġużepp Ħaddiem, li nħadmu fuq it-tieni disinn tal-pittur Emvin Cremona permezz tad-Ditta E. Theuma & Co. Ltd., mill-iskultur Reimondo Santfaller ta' Ortisei, Bolzano.

<u>1988:</u> Saret in-niċċa ta' San Ġużepp Ħaddiem flimkien mal-*crying room* u kamra għall-qrar. Bdiet tiġi organizzata l-Lejla Maltija bl-isem ta' *Lejla Flimkien - Lejla Maltija.*

<u>1989:</u> 3 ta' Diċembru - It-tielet kappillan Dun Vincenz Demicoli jingħata l-pussess ta' kappillan.

<u>1992:</u> 10 ta' April. Ħarġet għall-ewwel darba purċissjonalment l-istatwa tad-Duluri. Statwa li saret mill-iskultur Michael Camilleri Cauchi u mħallsa minn Francis Abela.

<u>1997:</u> 19 ta' Jannar. Dun Mario Tong, jieħu l-pussess bħala r-raba' kappillan tal-parroċċa